Sena 56 Ħarġa 370 Marzu - Ġunju 2023

# Leħen il-Fgura

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali

**Il-Kelma tal-Kappillan**



## INDEM U EMMEN FIL-BXARA T-TAJBA

Ir-Randan huwa żmien li fih in-nisrani jista' jdur sogħbin u niedem lejn Alla, aktar minn żminijiet oħrajn. Dan iż-żmien penitenzjali huwa grazzja mogħtija lilna biex nikkonvertu. Il-Mulej jgħidilna: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba".

F'Ras ir-Randan waqt ir-rit penitenzjali tat-tqegħid tal-irmied fuq ir-ras, il-Knisja tistedinna nagħmlu att ta' umiltà u nagħrfu x-xejn tagħna. Tfakkarna f'realtà, li l-bniedem li ssawwar mit-trab, fit-trab għad jerġa' jmur. Bil-kliem tal-Profeta Goel tgħidilna: "Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom". It-tiċrit tal-ilbies kien turija ta' sogħba għan-nuqqasijiet. Il-Mulej jistedinna niftħu qalbna beraħ għaliH u waqt li qed nisimgħu leħnu ma nwebbsux qalbna.

Konverżjoni ġġib fina tiġdid li bih insiru ingħoġbu iżjed quddiem il-Mulej. Għalhekk tajjeb li nirsistu bis-sħiħ għall-konverżjoni tagħna nfusna f'dan ir-Randan. Nagħrblu sewwa l-kuxjenza tagħna biex insiru nafu l-qagħda tagħna preżenti quddiem Alla. Naraw f'liema direzzjoni sejrin fil-mixja tal-ħajja tagħna nisranija. Jekk aħniex sejrin żmerċ jew aħniex fit-triq it-tajba.

Biex il-konverżjoni tagħna sseħħ irridu nimxu fuq l-eżempju ta' Kristu. Hu għeleb it-tiġrib tax-xitan bit-talb u s-sawm waqt l-erbgħin jum li għadda fid-deżert. Aħna wkoll bħalu għandna ngħaddu l-erbgħin jum tar-Randan bit-talb u s-sawm. Nieħdu għajnuniet oħrajn ukoll bħalma huma l-Kelma ta' Alla li titħabbrilna aktar ta' spiss u qawwija fil-priedtki tar-Randan; iċ-ċelebrazzjoni tal-qrar kemm individwali u komunitarji, iċ-ċelebrazzjoni u r-riċeviment tal-Ewkaristija.

Ma nkunux insara tal-isem iżda nsara konvinti minn dawk li nemmnu. Il-bidla tagħna f'dan ir-Randan għandha tfakkarna li fid-dinja ma ngħixux waħedna iżda flimkien magħna hemm ukoll bnedmin oħra li huma ħutna u li aħna fid-dmir li ngħinuhom. Għalhekk wara l-konverżjoni li sseħħ fina rridu nitgħallmu ngħixu l-opri tal-ħniena li għallimna Ġesù. Ngħinu lil min hu fil-bżonn, lill-batut, lill-marid, lill-anzjan, lil xi ħadd b'diżabilità, nitkellemu f'isem min hu bla leħen. Dawn l-opri tal-ħniena u oħrajn inkunu nistgħu nagħmluhom jekk isseħħ fina f'dan ir-Randan il-konverżjoni.

Nieħu l-okkażjoni biex nawgura lilkom u lill-familji tagħkom l-Għid it-Tajjeb.

P. Raymond Calleja O. Carm
Kappillan

**Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkajli**
It-Tnejn, il-Ħamis u s-Sibt mid-9:00am sal-10:00am
It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ħamis mill-4:30pm sas-6:00pm
Tel: 21661745/21827900/99872677
Email: parrocca.fgura@maltadioceseorg jew carmfgu@onvol.net
Waqt it-tberik l-uffiċċju jiftaħ fil-ħinijiet ta' filgħodu biss. Filgħaxija b'appuntament wara s-7:00pm.
Filkaż ikkuntatjaw lill-kappillan fuq 99872677.

# Djarju tal-Parroċċa

**Marzu - Ġunju 2023**

| | |
|---|---|
| **Marzu** | |
| **Il-Ħadd 5** | Fid-9:30am quddiesa f'għeluq it-30 sena mit-twaqqif tal-Kummissjoni Festa Esterna. |
| **L-Erbgħa 8** | Laqgħa għat-Terzjarji Karmelitani fl-4:30pm fil-knisja bil-quddiesa. |
| **Il-Ħadd 12** | Fid-9:30am quddiesa bis-sagrament tal-magħmudija.<br>Irtir parrokkjali ġewwa Rivotorto Birkirkara mmexxi minn Dun Anton Gouder. |
| **Mill-Erbgħa 15 sal-Ġimgħa 17** | **Tridu ta' San Ġużepp**<br>6:30pm: Quddiesa bil-priedtka fuq San Ġużepp. |
| **Il-Ħadd 19** | Vista minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna. Iqaddes il-quddiesa tad-9:30am li se tkun transmessa fuq TVM. |
| **It-Tnejn 20** | **Solennità trasferità ta' San Ġużepp – Ir-Raġel ta' Marija u Protettur tal-Ordni Karmelitan**<br>Fis-6:30pm quddiesa kantata solenni bil-priedtka fuq San Ġużepp. |
| **L-Erbgħa 22** | Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq bil-private fit-8:30am |
| **Il-Ħadd 26** | Il-quddiesa tad-9:30am tkun animata mill-Kummissjoni Tfal. |
| **Il-Ġimgħa 31** | **Tifkira Devota tad-Duluri**<br>Il-Ħin tal-Quddies filgħodu jkun fis-6:00am, 6:45am, 7:45am, 8:30am u 11:00am.<br>Fil-5:00pm Via Sagra u fil-5:30pm: Quddiesa kantata.<br>Wara l-quddiesa jibda l-pellegrinaġġ bl-istatwa tad-Duluri li jgħaddi mit-toroq Hompesch, San Tumas, Merħba, Venewwa, Kuluvert, San Xmun, Merħba, Sur, Hompesh, lura għall-knisja. Fit-8:00pm ikun hemm quddiesa oħra. |
| **April** | |
| **Il-Ħadd 2** | **Ħadd il-Palm**<br>Fid-9:15am ċelebrazzjoni tat-tberik tal-palm u l-friegħi taż-żebbuġ quddiem il-kunvent fi Triq il-Karmelitani u wara purċissjoni sal-knisja parrokkjali fejn fid-9:30am tibda quddiesa kantata bil-qari tar-rakkont tal-passjoni. |
| **It-Tnejn 3** | **It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa**<br>Fis-6.00pm talba tar-Rużarju u quddiesa bl-għasar fis-6.30pm.<br>Fis-7:15pm Via Sagra mat-toroq tal-Fgura bl-istatwa ta' Ġesù Redentur li tibda mill-knisja u tgħaddi minn toroq Hompesch, Karmelitani, Kampanella, Sur, Vjal Kottoner, Gallu, Wistin Levanzin, Wesgħa Ġużeppi Gauci, Sant'Antnin, Hompesh lura għall-knisja. |
| **It-Tlieta 4** | **It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa**<br>Ċelebrazzjoni penitenzjali wara l-quddiesa tas-6:30pm. Ikun hawn saċerdoti disponibbli għall-qrar. |
| **L-Erbgħa 5** | **L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa**<br>Fis-6:00pm Via Sagra u fis-6.30pm quddiesa bl-għasar u bil-priedtka fuq il-passjoni tal-Mulej. |
| **Il-Ħamis 6** | **Ħamis ix-Xirka** - Filgħodu fil-knisja ma jkunx hemm quddies.<br>Fis-7.00am Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.<br>Fis-6.30pm quddiesa tat-Tifkira tal-aħħar ikla tal-Mulej fejn isir il-ħasil tar-riġlejn.<br>Fi tmiem il-quddiesa issir it-translazzjoni bis-sagrament lejn l-artal tar-ripożizzjoni u immedjatament wara jibdew il-visti organizzati.<br>10.00pm – Adorazzjoni Solenni animata mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali. |
| **Il-Ġimgħa 7** | **Il-Ġimgħa l-Kbira** – Obbligu tas-sawm u ma jiswix laħam<br>Visti organizzati fis-6.00am, 8.00am u 10.00am.<br>Fis-7.00am Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fid- 9:00am: Adorazzjoni immexxija mill-membri tal-M.U.S.E.U.M tas-Subien.<br>Fis-2:30pm Via Sagra u fit-3.00pm azzjoni liturġika tat-tifkira tal-Passjoni tal-Mulej. |
| **Is-Sibt 8** | **Sibt il-Għid** -Filgħodu fil-knisja ma jkunx hemm quddies.<br>Fis-7.00am Uffiċċju tal-Qari u Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.<br>Fit-8.00pm Vġili Solenni tal-Għid bir-riti tad-dawl u l-magħmudija. |

| | |
|---|---|
| **Il-Ħadd 9** | **L-Għid il-Kbir**<br>Fid-9.30am quddiesa kantata bis-sehem tat-tfal fejn jinġabar il-karus ta' mħabba.<br>Wara l-quddiesa jsir it-tberik u t-tqassim tal-figolli lit-tfal tal-parroċċa. |
| **Mit-Tnejn 10 sal-Ħadd 16** | **Ottava tal-Għid u jiem ta' Adorazzjoni**<br>Mill-5:30am sas-6:00am – Espożizzjoni fis-Skiet.<br>Fis 6:00pm tibda l-espożizzjoni u rużarju meditate u fis:6:30pm quddiesa.<br>Wara l-quddiesa tkompli l-espożizzjoni sat-8:00pm.<br>Is-Sibt filgħaxija l-espożizzjoni u r-rużarju jkunu fil-5:00pm. |
| **L-Erbgħa 12** | Jibdew l-Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu<br>Tul l-Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu fis-6:30pm ikollna quddiesa bl-omelija u wara ċelebrazzjoni Marjana u ċelebrazzjoni Ewkaristika.<br>Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq bil-private fit-8:30am |
| **Il-Ħadd 16** | **It-Tieni Ħadd tal-Għid u l-Festa tal-Ħniena Divina**<br>Fil-5:15pm talba tal-Għasar u adorazzjoni tal-Ħniena Divina u fis-6:30pm quddiesa bl-Omelija immexxija mill-Wisq Reverendu Provinċjal P. Joseph Saliba O. Carm. Wara, purċissjoni bis-Sagrament li tgħaddi minn Toroq Hompesch, Sur, Kampanella, Karmelitani, Hompesch, lura għall-knisja fejn tingħata l-barka sagramentali. |
| **L-Erbgħa 26** | Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq bil-private fit-8:30am. |
| **Mejju 2023** | |
| **It-Tnejn 1** | Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem |
| **Il-Ħadd 7** | Fid-9:30am quddiesa bis-sagrament tal-magħmudija. |
| **It-Tlieta 9** | Festa ta' San Ġorġ Preca |
| **L-Erbgħa 10** | Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq fid-8:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Il-Ħadd 14** | **Jum l-Omm -** Il-quddies kollu jkun għall-ommijiet ħajjin u mejtin |
| **L-Erbgħa 17** | Ġurnata għal Għawdex mal-kappillan. Tluq fis-6:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Il-Ħadd 21** | Is-Seba' Ħadd tal-Għid – Tlugħ il-Mulej fis-sema |
| **L-Erbgħa 24** | L-aħħar Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu<br>Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq fit-8:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Il-Ħadd 28** | Solennità ta' Għid il-Ħamsin |
| **Ġunju 2023** | |
| **Il-Ħadd 4** | **Solennità tat-Trinità Qaddisa** – Fid-9:30am quddiesa bis-sagrament tal-magħmudija. |
| **L-Erbgħa 7** | Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq fit-8:30am minn quddiem il-knisja |
| **Is-Sibt 10** | Fis-6:45pm quddiesa tal-ewwel tqarbina. |
| **Il-Ħadd 11** | **Solennità ta' Corpus Christi** - Fid-9:15am quddiesa tal-ewwel tqarbina. |
| **L-Erbgħa 14** | Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq fit-8:30am minn quddiem il-knisja. |
| **Mit-Tlieta 13 sal-Ħamis 15** | Jiem ta' tħejjija għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù<br>Fis-6:00pm rużarju quddiem Ġesù espost u fis-6:30pm quddiesa bl-omelija. Wara l-quddiesa tkompli l-adorazzjoni sat-8:00pm. |
| **Il-Ġimgħa 16** | **Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**<br>Fis-6:00pm rużarju quddiem Ġesù espost u fis-6:30pm quddiesa bis-sehem tat-tfal li jkunu għamlu l-ewwel tqarbina. Wara l-quddiesa ssir purċissjoni bis-Sagrament li tgħaddi minn toroq Hompesch, San Tumas, Mater Boni Consiglii, Pjazza Redent Gauci, Teknoloġija Moderna, Sur, Hompesch u lura għall-knisja u barka Sagramentali. |
| **Il-Ħadd 18** | **Jum il-Missier** – Il-quddies kollu jkun għall-missirijiet ħajjin u mejtin. |
| L-Erbgħa 21 | Ġurnata għal Għawdex mal-kappillan. Tluq fis-6:30am |
| L-Erbgħa 28 | Ħarġa b'risq il-knisja. Tluq fit-8:30am minn quddiem il-knisja. |
| Il-Ħamis 29 | Solennità tal-Appostli San Pietru u San Pawl |

**Bazaar tal Mothers Day**
**Fis-Sala San Ġorġ Preca**
**Mis-6 ta' Mejju sat-28 ta' Mejju**
**9:00am -12:00pm u 5:00pm – 7:00pm**





## TBERIK U ŻJAJJAR TAL-FAMILJI

*It-Tberik jibda' fl-4:00pm*



### April 2023

| | |
|---|---|
| **It-Tnejn 10**-Triq il-Kampanella (naħa numri bil-fard)<br>**It-Tlieta 11**-Triq il-Kampanella (naħa numri biż-żewġ)<br>**L-Erbgħa 12**-Triq il-Buqexrem u Triq l-14 ta' Diċembru<br>**Il-Ħamis 13**-Triq il-Liedna (naħa numri bil-fard)<br>**Il-Ġimgħa 14**-Triq il-Liedna (naħa numri biż-żewġ)<br>**It-Tnejn 17**-Triq Żabbar u Sqaq Rjallu<br>**It-Tlieta 18**-Triq Hompesch (naħa numri bil-fard)<br>**L-Erbgħa 19**-Triq l-Għollieq | **Il-Ħamis 20**-Triq Hompesch (naħa numri biż-żewġ)<br>**Il-Ġimgħa 21**-Triq Ġorġ Stevens<br>**It-Tnejn 24**-Triq Antonio u Maria Cumbo u Triq ir-Rużell<br>**It-Tlieta 25**-Triq is-Summiena u Triq l-Għasfur tal-Bejt<br>**L-Erbgħa 26**- Triq Ward ix-xemx<br>**Il-Ħamis 27**-Triq San Ġwann<br>**Il-Ġimgħa 28**-Triq ir-Rgħajja, Triq l-Għarnuq u Triq Charles Magro |

### Mejju 2023

| | |
|---|---|
| **It-Tlieta 2**-Triq Kent (il-kbira) u Triq is-26 ta' Marzu<br>**Il-Ħamis 4**-Triq San Elija u Triq il-Grawwa<br>**Il-Ġimgħa 5**-Triq il-Pitirros u Triq il-Ġojjin<br>**It-Tlieta 9**-Triq Mater Boni Consiglii (iż-żgħira sa wara l-B4 Textiles)<br>**L-Erbgħa 10**–Triq il-Ġeranju u Triq il-Qronfol<br>**Il-Ġimgħa 12**-Triq Mater Boni Consiglii (it-twila)<br>**It-Tnejn 15**-Triq Sant'Antnin (naħa numri biż-żewġ)<br>**It-Tlieta 16**– Triq Sant'Antnin (naħa numri bil-fard)<br>**Il-Ħamis 18**-Pjazza Redent Gauci, Triq Emilio Camilleri, Triq Giacomo Mateotti u Triq Pace Grasso.<br>**Il-Ġimgħa 19**-Triq San Ġorġ Preca, Triq Martin Luther King, Triq is-Sejba Punika | **It-Tnejn 22**-Triq il-Pluviera u Triq il-Ħuttafa<br>**It-Tlieta 23**-Triq is-Sardinella u Triq il-Ġiżimina<br>**L-Erbgħa 24**-Triq San Pietru<br>**Il-Ħamis 25**-Triq il-Karmnu (naħa numri bil-fard), Triq in-Niġem u Triq il-Parroċċa.<br>**Il-Ġimgħa 26**-Triq il-Karmnu (naħa numri biż-żewġ)<br>**It-Tnejn 29**-Triq Bormla u Triq Nazzarenu Farrugia<br>**It-Tlieta 30**- Triq l-Iskola<br>**L-Erbgħa 31**-Triq San Mikiel |

### Ġunju 2023

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis 1**-Triq San Xmun<br>**Il-Ġimgħa 2**-Triq ir-Rihan u Triq Mawrizju Mizzi<br>**Il-Ħamis 8**-Triq Louis Scicluna<br>**Il-Ġimgħa 9**-Triq il-Ġiżi<br>**It-Tnejn 12**-Triq Mahatma Gandhi | **It-Tlieta 13**-Wesgħa Reggie Miller, Triq Anġlu u Marianna Camilleri u Triq Blondell<br>**L-Erbgħa 14**-Triq il-Pellikani<br>**Il-Ħamis 15**-Triq il-Kitba u Triq it-Tagħlim |

## EŻERĊIZZI TAR-RANDAN

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn 27 ta' Frar sal-Ġimgħa 3 ta' Marzu<br>Għall-kulħadd fiċ-ċentru pastorali ta' Triq il-Liedna fis-6:30pm bil-quddiesa<br>Predikatur – P. Raymond Calleja O. Carm, | Mit-Tnejn 6 sal-Ġimgħa 10 ta' Marzu 2023<br>Għall-miżżewġin fil-knisja parrokkjali wara l-quddiesa tas-6:30pm<br>Predikatur – Dun Charles Attard |
| Mit-Tnejn 13 sal-Ġimgħa 17 ta' Marzu<br>Għal kulħadd fil-knisja parrokjaili<br>Quddiesa fit-8:30am u priedtka fil-quddiesa | Mit-Tnejn 27 sal-Ħamis 30 ta' Marzu 2023<br>Għal kulħadd fil-knisja parrokjaili<br>Quddiesa fis-6:30pm u priedtka fil-quddiesa. |